MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tad-29 ta' April, 2008

Talba Numru. 174/2008

**Talba Nru: 174/08 PBC**

**Vodafone Malta Limited – C 10865**

**-vs-**

**M.E.K. Limited – C 35045**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjetà attrici talbet il-hlas tas-somma t'elf, sitt mija u tmintax-il Euro u ghaxar centezmi (€1,618.10) – (Lm694.65) rapprezentanti hlas ghal servizzi rezi mis-socjetà rikorrenti lis- socjetà ntimata in konnessjoni ma' mobile phone bin-numru 99453931. Is- socjetà konvenuta minkejja li giet interpellata diversi drabi baqghet inadempjenti. Bl-ispejjez, inkluzi tal-mandat ta' sekwestru pprezentat

kontestwalment u tal-mandat ta’ qbid numru 1888/07 u bl-imghax mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv kontra s- socjetà konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjetà konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici u l-fatt li s-socjetà konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas is-somma t’elf, sitt mija u tmintax-il Euro u ghaxar centezmi (€1,618.10) – (Lm694.65), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tas-socjetà konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------